MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 240/2011

**Philip Pace**

**Vs**

**Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-8 ta' Marzu, 2011** u li permezz taghha talab lill-Awtorita intimata thallsu s-somma ta' tlett elef euro [€3,000] u dan wara li ppremetta hekk:

> "Dan it-Tribunal qieghed jiġi mitlub jikkundanna lill-Awtorita konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tlett elef Euro (€3000) rappreżentanti grant, ossia hlas lura ta' somma mhallsa mill-attur fuq xiri ta' taghmir illi jippromwovu l-efficenzja tal-energija

rinnovabbli, insegwitu ghall-applikazzjoni tal-istess attur ai termini tal-Government Notice 81 tal-2009 u liema applikazzjoni ġiet debitament milqugha u aċċettata mill-Awtorita konvenuta.

Bl-ispejjez, inklużi dawk tal-ittra ġudizzjarja datata 24 ta' Jannar 2011 u bl-imghax mid-data illi l-ammont mitlub sar dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-Awtorita konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-Awtorita intimata** minnha mressqa fit-13 ta' Gunju, 2011 (tergo fol. 13) u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"L-Awtorita qeghda tikkontesta t-talba maghmula mill-atturi.

L-Awtorita ma taqbilx ma li qal l-attur fit-talba tieghu li l-Awtorita aċċettat l-applikazzjoni maghmula mill-attur.

L-Awtorita fil-fatt ma aċċettatx l-applikazzjoni in kwistjoni billi l-attur ma ssottomettiex id-dokumenti kollha neċessarji fiz-zmien stipulat mill-Avviz Governattiv 81 tal-2009. Meta l-Awtorita (bla preġudizzju) talbitu jiġġustifika s-sottomissjoni tardiva tad-dokumenti, rrizulta li r-ragunijiet moghtija ma kienux veritjieri.

Bl-ispejjez inklużi dawk tar-risposta tat-12 ta' Frar, 2011 fl-atti ta' l-ittra uffiċjali 214/11 u bis-subizzjoni".

Ra **r-risposta ulterjuri tal-Awtorita intimata**, minnha ppreżentata fl-4 ta' Dicembru, 2012 (fol. 120) fejn hija ecceppiet ulterjorment illi:

"1. Illi dan l-Onorabbli Tribunal mhux kompetenti li jiehu konjizzjoni tat-Talba attriċi u dana stante li r-rimedju idoneju sabiex tiġi attakkata

deċiżjoni amministrattiva hija l-procedura taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti kellu ai termini tal-Kapitolu 423 tal-Ligijiet ta' Malta jressaq l-ilment tieghu mid-decizjoni tal-Awtorita quddiem l-imsejjah Bord tal-Appelli dwar ir-Rizorsi, li kellhu ġurisdizzjoni esklussiva li jisma appelli minn deċiżjonijiet mehudha mill-Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi u dan skond ma kien jipprovdi l-Artikolu 34 tal-Kapitolu 423 tal-Ligijiet ta' Malta"

Ra l-ahhar verbal tas-17 ta' Marzu, 2014 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti, inkluż in-noti ta' sottomissjonijiet;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qieghed jitlob il-hlas minghand l-Awtorita ntimata tas-somma ta' tlett elef euro [€3,000], liema ammont jirrappreżenta *grant* ossia hlas lura ta' somma mhallsa mir-rikorrenti fuq xiri ta' taghmir illi jippromuovi l-efficenzja tal-energija rinnovabbli, in segwitu ghall-applikazzjoni tal-istess rikorrenti ai termini tal-Government Notice 81 tal-2009, liema applikazzjoni ġiet debitament milqugha u aċċettata mill-Awtorita ntimata. L-Awtorita intimata kkontestat din it-talba tar-rikorrenti billi qalet li hi ma taqbilx mad-dikjarazzjoni tar-rikorrenti li hija kienet accettat l-applikazzjoni tieghu. Stqarret ukoll li hija ma aċċettatx l-applikazzjoni in kwistjoni billi r-rikorrenti ma

ssottomettiex id-dokumenti kollha neċessarji fiz-zmien stipulat mill-Avviz Governattiv 81 tal-2009. Qalet ukoll li meta l-Awtorita talbitu jiġġustifika s-sottomissjoni tardiva tad-dokumenti, rrizulta li r-ragunijiet moghtija ma kienux veritjieri. Sussegwentement, l-Awtorita ntimata ecceppiet ulterjorment in nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal li jiehu konjizzjoni tat-talba rikorrenti stante li r-rimedju idoneju sabiex tiġi attakkata deċiżjoni amministrattiva hija l-procedura taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Oltre dan, l-istess Awtorita issottomettiet ukoll li r-rikorrenti kellu ai termini tal-Kapitolu 423 tal-Ligijiet ta' Malta jressaq l-ilment tieghu mid-decizjoni tal-Awtorita quddiem l-imsejjah Bord tal-Appelli dwar ir-Rizorsi, li kellhu ġurisdizzjoni esklussiva li jisma appelli minn deċiżjonijiet mehudha mill-Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi u dan skond ma kien jipprovdi l-Artikolu 34 tal-Kapitolu 423 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidra;

2. **Ir-rikorrenti** beda biex ighid li fil-bidu tas-sena 2009, huwa kien ordna sistema ta' pannelli fotovoltajici ghad-dar tieghu. Dan ghamlu, kompla jghid ir-rikorrenti *"... ghaliex rajt li bil-grant li kienet qeghda taghti l-MRA fuq installazzjoni ta' sistemi bhal dawn, bil-flus li kont se nonfoq u b'dawk li kont se niehu lura bhala grant, kont se naghmel investiment tajjeb ghall-futur. Nghid illi l-grant kien proprju r-raguni ghaliex jien iddeċidejt li ninstalla din is-sistema li wara kollox ma hijiex sistema rhisa*" (fol. 19).

Fis-6 ta' Mejju, 2009, kompla jghid ir-rikorrenti, huwa irċieva ittra minghand l-Awtorita intimata li permezz taghha huwa gie nfurmat li l-applikazzjoni preliminari tieghu ġiet eżaminata u l-elegibilita taghha kkonfermata. Qal li l-Awtorita intimata talbitu jissottometti applikazzjoni kompleta (Part III) fl-ufficini tal-MRA sa mhux aktar tard minn 4 xhur mid-data ta' l-imsemmija ittra.

Fl-1 ta' Settembru, 2009 huwa installa s-sistema u xi ftit tal-jiem wara, r-rikorrenti pproceda biex jissottometti l-applikazzjoni u d-dokumenti mehtiega skond l-ittra tas-6 ta' Mejju, 2009. Fl-4 ta' Settembru, 2009 huwa issottometta

din l-applikazzjoni personalment fl-ufficini tal-MRA. Dak-in-nhar huwa gie nfurmat li l-inginier residenti ma kienx preżenti u gie mitlub jirritorna lura t-Tnejn ta' wara. Hekk ghamel u fis-7 ta' Settembru, 2009 issottometta l-applikazzjoni flimkien mad-dokumenti mehtiega. Ir-rikorrenti stqarr li huwa ghadda kopja tal-applikazzjoni u tad-dokumenti lill-impjegata tal-MRA u din marret bihom f'ufficju. Wara li regghet irritornat, hija tatu lura d-dokumenti li kien ta u taghtu ukoll *notification* li kellu jipprezenta l-Enemalta. Qal li din l-impjegata ma tatu l-ebda riċevuta ghall-applikazzjoni. Qal li "*naturalment, jien kont konvint li r-registrazzjonijiet neċessarji saru u saru kif suppost. Din l-impjegata la gibditli l-attenzjoni ghal xi nuqqas jew irregolarita u lanqas qaltli biex nerġa mmur; filfatt nispjega illi sabiex applikajt jien mxejt pass pass mal-istruzzjonijiet moghtija lili minn Solar Solutions Limited kif murija f'Dok. A*" (fol. 19).

F'Settembru, 2009 r-rikorrenti rreġistra s-sistema mal-Enemalta. Wara li kien ghada ftit żmien mhux hazin minn meta dahhal l-applikazzjoni, r-rikorrenti beda jindaga mal-Awtorita intimata meta kien ser jirċievi l-flus tal-grant. Huwa kien kellem lil Ms. Karen Azzopardi, addetta mal-Awtorita intimata li "*... kienet infurmatni 'lli minkejja li l-applikazzjoni tieghi kienet ġiet approvata, ic-cheque ma setax jiġi proċessat 'l ghaliex l-applikazzjoni Part III kienet nieqsa*" (fol. 20). Din Ms. Azzopardi iddirregiet lir-rikorrenti sabiex jerga jaghmel applikazzjoni ohra u fis-16 ta' Marzu, 2010 huwa reggha issottometta applikazzjoni ohra. Irrizultalu li l-Awtorita intimata kienet irreġistrat l-applikazzjoni tieghu b'din l-ahhar data. Fuq struzzjonijiet ta' l-imsemmija Karen Azzopardi huwa baghat email fejn talab estensjoni taz-zmien biex tintlaqa din l-applikazzjoni tieghu. Dwar dan, ir-rikorrenti qal li "*... jien ma hassejtx li kelli nitlob xi estensjoni 'mma rragunajt illi ahjar nimxi ma' dak li jghiduli huma halli nkun żgur li nithallas*" (fol. 20).

Fid-29 ta' Marzu, 2010 huwa irċieva ittra mill-Awtorita intimata li infurmatu li l-applikazzjoni tieghu kienet ġiet irrifjutata peress li kienet ġiet sottomessa tard. Huwa qal li ma kienx jaf li l-applikazzjoni tieghu kienet ser tiġi riveduta u li lanqas ma inghata l-opportunita sabiex jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu.

Wara huwa beda jikkorrispondi ma l-Awtorita intimata permezz ta’ l-Avukat tieghu u wara laqgha li kienet saret ma l-Awtorita intimata, huwa gie mitlub sabiex jerggha jibghat ittra ohra flimkien ma’ rendikont tal-kaz lill Vetting Board u dan bil-ghan li d-decizjoni tad-29 ta’ Marzu, 2010 tigi revokata. Fit-30 ta’ Novembru, 2010 huwa reggha irċieva ittra ohra fejn gie nfurmat li t-talba tieghu kienet qeghda tiġi michuda.

Ghalaq ix-xhieda tieghu bl-affidavit billi qal li “*jiena investejt fis-sistema tal-pannelli fotovoltajici biss ghaliex kien se jinghatali il-grant offruta. Jien ma kelli l-ebda interess illi nidhol f’din l-ispiza u żgur li kien fl-interess tieghi illi ndahhal id-dokumenti kollha fiz-zmien stipulat, kif fil-fatt ghamilt*” (fol. 20). Qal li “*... n-nuqqas tal-awtorita konvenuta m’ghandix inbatih jien*” (fol. 20).

In kontro-ezami, huwa qal li l-applikazzjoni ma l-Awtorita intimata huwa kien issottomettieha fis-7 ta’ Settembru, 2009. Mistoqsi jekk ma din l-applikazzjoni kienx hemm ic-certifikazzjoni ta’ l-inginier, huwa qal li ma kienx jaf “*... però meta tawni l-applikazzjoni bid-dokumenti jiena fhimt illi kien hemm l-affarijiet kollha kif suppost fil-fatt jiena kont staqsejt lill-Miss Karen Azzopardi mpjegata ma’ l-Awtorita ntimata jekk kellix bżonn nerġa nirritorna lura fl-Awtorita sabiex nara li kollox kien sew, hija qaltli le u kelli mmur ghand l-Enemalta biex jaghtuni l-PV number*” (fol. 112). Mistoqsi jispjega kif ic-certifikat li gie rilaxxat mill-inginier tas-socjeta Solar Solutions Limited huwa datat 17 ta’ Settembru, 2009 meta huwa qieghed jghid li ha l-applikazzjoni fis-7 ta’ Settembru, 2009 ghand l-Awtorita, huwa qal li “*... jista jkun li kien hemm xi zball*” (fol. 112). Mistoqsi kif huwa qal li kien kellem lil Karen Azzopardi fl-4 ta’ Settembru, 2009 meta din effettivament dahlet tahdem f’Novembru 2009 mal-Awtorita intimata, r-rikorrenti qal li “*... jiena dejjem kuntatt ma’ mara ghamilt u bqajt naghmel kuntatt ma’ l-istess Karen Azzopardi sa Marzu tal-elfejn u ghaxra (2010)*” (fol. 113).

Kompla qal li fis-7 ta’ Settembru, 2009 meta r-*receptionist* ta’ l-4 ta’ Settembru, 2009 qaltlu biex jerga jmur, huwa reggha inghata l-*file* lura u allura ma kellhux

ghalfejn joqghod jitlob riċevuta l-ghaliex id-dokumenti regghu inghataw lura. Kull ma qalulu fis-7 ta' Settembru, 2009 kien sabiex imur l-Enemalta. X'hin inghata l-PV *number* mill-Enemalta huwa ghaddieh lill-Awtorita ntimata u hadd ma gibidlu l-attenzjoni li kien hemm xi haġa nieqsa. Anzi, ikompli jghid ir-rikorrenti, "*... dejjem kienu jghiduli illi ghad jonqos firma fuq ic-cekk u kif appena jkun hemm dik il-firma c-cekk johrog u jintbaghtli*" (fol. 113).

Qal ukoll li fit-30 ta' Novembru, 2010 huwa rċieva ittra minghand l-Awtorita intimata li qaltlu li r-*review committee* ma kienx aċċetta t-talba minnu maghmula biex il-kaz tieghu jiġi rivedut. Dwar dan qal li "*jiena qatt ma ġejt mitlub sabiex nitla nixhed f'dan ir-review committee, lanqas qatt ma ġejt infurmat li kien ser jiltaqa' r-review committee, xejn. Lanqas qatt ma nghatajt l-opportunita li nidher quddiem dan l-istess review committee. Hadd qatt mill-Awtorita ma nfurmani li kelli mmur il-Qorti wara din id-decizjoni*" (fol. 127-128).

3. **Karen Azzopardi** qalet li hija kienet tahdem ma l-Awtorita intimata minn Novembru 2009 sa Dicembru 2010. Xogholha kien li tipproċessa l-applikazzjonijiet in kwistjoni. Ghalkemm ma ftakritx jekk kienitx rat lir-rikorrenti personalment, hija qalet li "*... niftakar li kont kellimt diversi drabi lill-certu Philip Pace*" (fol. 43). Ftakret li r-rikorrenti kellu problema fuq l-applikazzjoni tieghu ghar-rigward tar-*rebate* li kien hemm dak iz-zmien. Qalet li f'Marzu 2010 hija kienet qalet lir-rikorrenti li minkejja li l-applikazzjoni tieghu kienet ġiet approvata, il-hlas ma setax isir peress li kien hemm Part III nieqsa. Qalet li r-rikorrenti kien qalilha li din il-Part III kienet imtliet minnu u anke sottomessa, iżda "*... meta ahna tlabnih l-acknowledgement dwar dan kien qalilna li huwa ma kienx f'posizzjoni li jġib dan mieghu*" (fol. 45). Qalet li hi minn meta bdiet tahdem hemm, kull meta ċempel ir-rikorrenti kienet taghtih l-informazzjoni kollha. Qalet illi "*... meta n-nies iċemplu dejjem nitlobhom l-identity card number sabiex b'hekk inkun nista nkun naf x'inhu eżattament il-kas tal-persuna nvoluta. Minn hemmhekk inkun nista nara d-dettalji tal-application u jekk inkun nara li l-part three hija nieqsa kont ninforma lill-parti*" (fol. 45).

Ziedet tghid li hi kienet qalet lir-rikorrenti sabiex jerga jdahhal applikazzjoni ohra peress li ma kellux *acknowledgement* fuq l-ewwel applikazzjoni tieghu. Qalet li kienet infurmat lir-rikorrenti li jekk idahhal il-Part III huwa jkun jista jitlob estensjoni u wara din tghaddi ghand ir-*review committee* u jiddeċiedu huma dwar l-estensjoni taz-zmien. Mistoqsija jekk hi kienitx qalet lir-rikorrenti sabiex ma joqghodx jinkwieta l-ghaliex kienu hergin xi skemi ġodda, ix-xhud qalet li *"... jiena nghid illi ma nistax naghti din it-tip ta' informazzjoni u ghalhekk niddubita kemm fil-fatt tajtha. Jiena naf illi meta partijiet ikunu xtraw l-apparat ma jistawx japplikaw ghal skema ohra ghaliex din tkun inghalqet*" (fol. 46).

Ghalqet ix-xhieda taghha billi qalet li meta persuna tiġi bl-applikazzjoni u bid-dokumenti, hija tghodd kemm il-dokument ikun hemm quddiemha u taghtih *acknowledgement* dak il-hin stess bid-data b'kollox. Jekk ikun hemm xi haġa nieqsa, huma jinfurmawh mal-ewwel.

4. **Eric Montfort**, rappreżentant tal-Korporazzjoni Enemalta qal li r-rikorrenti kien issottometta applikazzjoni fit-28 ta' Settembru, 2009 mal-Korporazzjoni minnu rappreżentata. Fis-16 ta' Ottubru, 2009 kien gie nstallat meter fil-fond proprjetà tar-rikorrenti u dan sabiex jirreġistra l-produzzjoni ta' l-elettriku mill-panelli fotovolatijici li gew installati fil-proprjeta tieghu.

F'seduta ulterjuri, huwa kompla xehed u qal li l-individwu japplika u l-MRA taghtih il-permess mehtieg. L-MRA imbaghad tistaqsi lill-individwu jekk hu jkunx irid *full feed in tariff* jew inkella *partial feed in tariff*. Wara li l-individwu jaghzel liema sistema sejjer jaddotta, hija tohrog id-dokument tal-permess, liema dokument imbaghad imur ghand l-Enemalta biex jiġi pproċessat u eventwalment jinhareg il-meter. Qal ukoll li l-Enemalta ma tmurx tinstalla meter jekk hija ma jkollhiex il-permess ta' l-MRA.

5. **David Zammit**, rappreżentant tas-socjeta Solar Solutions Limited qal li r-rikorrenti xtara u akkwista sistema ta' daqs 1.044 kilowatt pick fl-1 ta' Settembru, 2009. Dak-in-nhar stess, din is-sistema ġiet installata. Din is-sistema ġiet iċċertifikata mill-Inginier tas-socjeta minnu rappreżentata. Ix-xhud qal ukoll li l-kumpanija tieghu taghti *guidlines* lill-klijenti taghha, inkluż lir-rirkorrenti, sabiex jimxi maghhom. In kontro-ezami, huwa qal li skond l-ittra datata 6 ta' Mejju, 2009, it-terminu tal-ghotja kien jaghlaq fil-5 ta' Settembru, 2009. Qal ukoll li "*... jekk mhux sejjer żball id-dokumenti tal-MRA jghidu illi s-sistema has to be installed within u mhux certified within*" (fol. 61). Ikkonferma li s-sistema kienet ġiet installata entru l-4 jew l-5 ta' Settembru, 2009. Ghar-rigward ta' meta ġiet iċċertifikata s-sistema mill-inginier taghhom, ix-xhud qal li din ġiet hekk ċertifikata fis-17 ta' Settembru, 2009.

6. Ir-rapprezentant tal-Awtorita intimata, **George Cassar**, xehed permezz tal-procedura ta' l-affidavit. Beda biex qal li r-rikorrenti kien obbligat li jissottometti l-applikazzjoni msejha Part III mal-Awtorita intimata sas-7 ta' Settemrbu, 2009. Qal ukoll li "*... hija l-procedura tal-Awtorita li dak il-hin stess li tiġi riċevuta applikazzjoni fl-ufficju tal-Awtorita ghal wahda mill-iskemi amministrati minnha, tinghata minnufih lill-applikant ittra ta' acknowledgement iffirmata mill-iskrivan li jkun imissu bid-duty li jaqdi l-klijenti f'dik il-gurnata partikolari*" (fol. 77). B'referenza ghal dak li qal ir-rikorrenti u cioe li huwa kien issottometta applikazzjoni ma l-Awtorita intimata fis-7 ta' Settembru, 2009 wara li fl-4 ta' Settembru, 2009 huwa gie nfurmat li ma kien hemm l-ebda inġinier biex jircevieha, ix-xhud qal li "*... ma jeżisti l-ebda record tal-ircevuta tal-applikazzjoni tal-attur fid-dati msemmija iktar 'l fuq u nghid ukoll li lanqas l-attur ma gab ebda prova ta' dak li allega*" (fol. 77). Zied ighid li "*... hija l-procedura li l-applikazzjoni Part III jiġu ttimbrati mill-iskrivan bid-data li gew riċevuti, u d-dettalji rilevanti jiddahli fid-database, u l-Part III tinghaqad mal-Part I u l-Part II. Fir-records tal-Awtorita, ma teżisti ebda kopja tal-applikazzjoni Part III tal-attur li ġġib xi data qabel dik ta' Marzu 2010, allura sitt xhur wara d-data tal-gheluq, jiġifieri s-7 ta' Settembru, 2009*" (fol. 77).

Dwar il-fatt li jsemmi r-rikorrenti u cioe li l-inginier residenta tal-Awtorita ma kienx preżenti u allura l-applikazzjoni ma ġietx accettata, x-xhud qal li dan

mhux minnu l-ghaliex huwa l-inginier responsabbli mill-iskema u "*... nghid ukoll li qatt ma kienet htiega li nkun personalment preżenti waqt l-ircevuta tal-applikazzjonijiet*" (fol. 77).

B'referenza ghall-applikazzjoni tar-rikorrenti, huwa qal li l-uniku dokument formali li gie ppreżentat mir-rikorrenti kienet applikazzjoni ttimbrata fis-16 ta' Marzu, 2010. Zied ighid li din l-applikazzjoni saret mhux biex tiġi pproċessata sitt xhur wara z-zmien mehtieg iżda biex jiġi approfondit jekk verament ġietx sottomessa precedentement applikazzjoni oriġinali sas-7 ta' Settembru, 2009. Stqarr li l-applikazzjoni ntalbet ukoll biex wara li jsir l-approfondiment imsemmi, l-kaz jiġi meqjus mill-*Vetting Board* tal-iskema. Dan il-*board* jeżisti, kompla jghid ix-xhud, biex fejn xi hadd ma jaqbilx mad-decizjoni tal-Awtorita rigward l-applikazzjoni li tkun ġiet sottomessa lilha, din tkun tista tiġi vvalutata mill-gdid.

Ix-xhud jkompli jsostni li tant mhux minnu li r-rikorrenti kien issottometta l-applikazzjoni flimkien mad-dokumenti sas-7 ta' Settembru, 2009 illi l-ircevuta fiskali oriġinali datata 1 ta' Settembru, 2009 kienet ghada fil-pussess tieghu f'Marzu, 2010. Semma ukoll il-fatt li c-certifikazzjoni tal-inginier tas-socjeta Solar Solutions Limited saret fis-17 ta' Settembru, 2009 u allura wara l-eghluq tad-deadline tas-sottomissjoni tal-Part III. Qal li skond id-dokumentazzjoni provduta mir-rikorrenti ma l-affidavit tieghu (l-*guidlines tas-socjeta Solar Solutions Limited)*, hemm miktub li c-certifikazzjoni ta' l-inginier taghha ghandha ssir qabel ma tiġi sottomessa l-applikazzjoni lill-Awtorita. L-Awtorita, kompla jghid ix-xhud, ma tqisx l-applikazzjoni bhala kompluta minghajr ic-certifikazzjoni tal-inginier.

B'referenza ghal dak li r-rikorrenti qal li qaltlu Karen Azzopardi, x-xhud qal li din qatt ma kellha l-poter li tiddevja mill-*guidlines* u li hi qatt ma kellha l-ebda awtorità li taghti xi tip ta' estensjoni jew taghmel xi tip ta' evalwazzjoni fuq l-applikazzjonijiet li kienet tirċievi l-Awtorita intimata. Oltre dan, Ms. Azzopardi

ma kienitx tahdem ma’ l-Awtorita intimata meta r-rikorrenti qieghed jallega li huwa ha l-applikazzjoni f’Settembru, 2009.

Ghalhekk, kompla jghid ix-xhud, ir-rikorrenti kien fid-dover li jara li huwa jissottometti d-dokumentazzjoni kollha neċessarja fil-hin mehtieg u cioe sas-7 ta’ Settembru, 2009. Kull haġa li saret wara din id-data bl-ebda mod ma setat tghin lir-rikorrenti l-ghaliex la huwa ma adderrixiex ruhhu mat-terminu stabbilit allura l-applikazzjoni tieghu ma baqghetx valida. Ghalxejn, kompla jghid ix-xhud, ir-rikorrenti qieghed jipprova jdawwar a benefiċċju tieghu l-ghajuna li taghtu l-Awtorita u s-sinjorina Azzopardi wara din id-data.

L-Inginier Cassar qal ukoll li mid-dokumenti annessi mir-rikorrenti ma l-affidavit tieghu irriżulta li huwa kien ghamel depożitu ta’ €2000 lis-socjeta Solar Solutions Limited fl-20 ta’ Jannar, 2009 u cioe sebat (7) ijiem qabel ma ġiet varata l-iskema odjerna li ġiet ippubblikata fis-27 ta’ Jannar, 2009. Kompla jghid li l-istima li kienet annessa mal-applikazzjoni tar-rikorrenti u li ġġib id-data tas-16 ta’ Frar 2009 ma taghmel l-ebda referenza ghal dan id-depozitu. Qal li “*... dan id-depositu sar bi ksur tal-linji gwida tal-Avviz Governattiv rilevanti tas-27 ta’ Jannar, 2009 li jispeċifika li d-depozitu ma ghandux jithallas qabel ma tinhareg l-Grant Offer (ara paġna 763 tal-guidlines – dok. GC3 anness)*” (fol. 79). Ghalhekk, kompla jghid ix-xhud, “*il-fatt stess ta’ dak id-depozitu annulla l-process tal-applikazzjoni fil-fazi inizjali tieghu u l-Awtorita difatti kienet taġixxi di konsegwenza kieku dan il-fatt kien gie miġjub a konoxxenza taghha qabel. Il-fatt tal-istess depożitu jannulla kull stadju tal-applikazzjoni*” (fol. 79).

Ghalaq l-affidavit tieghu billi qal li l-process ta’ liċenzjar jew awtorizzazzjoni mill-Awtorita intimata tas-sistemi fotovoltajici u l-iskema tal-*feed in tariffs* huma proċessi indipendenti u separati minn dak tal-ghoti tal-*grants* ghax-xiri ta’ sistema fotovoltajci.

In kontro-ezami, x-xhud qal li dak li spjega fit-tieni paragrafu tal-affidavit tieghu hija l-procedura li tiġi użata mill-addetti tal-Awtorita intimata meta huma jirċievu l-applikazzjonijiet in kwistjoni. Qal li ma jistax jeskludi li kien hemm xi żewġ skrivani li hadu żball u ma tawx l-*acknowledgement* lir-rikorrenti. Ghar-rigward tal-ircevuta fiskali oriġinali u dak li xehed dwar il-fatt li din ġiet biss ippreżentata f'Marzu, 2010 huwa qal li l-Awtorita intimata taghmel it-timbru taghha fuq il-faccata ta' quddiem tal-applikazzjoni ikun hemm kemm ikun hemm dokumenti wara din l-ewwel faċċata. Qal ukoll li minn riċerka li ghamel, ma hemm l-ebda *record* fil-files ta' l-Awtorita li l-Part III dahlet ghandha qabel is-sena elfejn u ghaxra (2010).

B'referenza ghar-*review committee*, ix-xhud qal li l-ghan tal-holqien tieghu kien sabiex jekk persuna tkun applikat mal-Malta Resources Authority u jkun hemm xi clerk li jkun qieghed jaċċetta l-applikazzjonijiet ikollu xi diffikultà, allura l-persuna li tapplika tkun tista taghmel ilment ma dan il-kumitat biex imbaghad dan l-istess kumitat jaghti l-istruzzjonijiet tieghu jekk tigiex aċċettata l-applikazzjoni jew le. Wara li r-*review committee* jkun ta' l-parir tieghu, l-persuna konċernata kienet libera li tmur quddiem awtoritajiet ohra kompetenti skont il-ligi. Stqarr li kien hemm xi nies li marru ghand l-Ombudsman u kien hemm ohrajn li marru ghand l-Appeals Board tal-MRA. Qal li kien hemm każijiet fejn individwi allegaw li l-Awtorita intimata kienet tilfet id-dokumenti li kienet inghatat u li dawn l-ilmenti kienu gew aċċettati. Kien hemm anke kaz fejn l-applikazzjoni ġiet aċċettata tardivament u dan meta l-applikazzjoni kienet saret fuq raġel li miet u kienet applikat minfloku martu. Ghar-rigward tad-decizjonijiet tar-*review committee*, x-xhud qal li dik tat-30 ta' Novembru, 2010 kienet it-tieni wahda. Ghar-rigward ta' l-ewwel deċiżjoni, meta gie mistoqsi jekk r-rikorrenti kienx jaf biha, huwa qal li jassumi li gie notifikat biha l-ghaliex kieku r-rikorrenti ma kienx jikteb lic-Chief Executive Officer ta' l-Awtorita intimata Anthony Rizzo.

Ikkunsidra ulterjorment;

7. L-ewwel eċċezzjonijiet li ghandhom jiġu kkunsidrati huma dawk moghtija mill-awtorita intimata fir-risposta ulterjuri taghha. Nibdew mit-tieni eċċezzjoni ulterjuri ta' l-Awtorita. Skond din l-eccezzjoni, l-Awtorita intimata tghid li r-rikorrenti kellu, ai termini tal-artikolu 34 tal-Kapitolu 423 tal-Ligijiet ta' Malta, jressaq l-ilment tieghu mid-decizjoni tal-Awtorita quddiem l-imsejjah Bord tal-Appelli dwar ir-Rizorsi, li kellhu ġurisdizzjoni esklussiva li jisma appelli minn deċiżjonijiet mehudha mill-Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi.

8. L-ewwel u qabel kollox, it-Tribunal irid jiddeciedi jekk il-kaz in ezami jaqax taht il-kompetenza tieghu l-ghaliex jekk dan ma huwiex il-kaz, huwa irid jiddikjara lilu nnifsu bhala mhux kompetenti li jiggudika l-materja taht ezami. Din l-eccezzjoni tista titqajjem marte proprio mit-Tribunal[1]. F'dan ir-rigward jinghad li fis-sistema guridika taghna *l-inkompetenza hi sollevabbli "ex officio" meta ghar-raguni ta' materja tal-kawza ma tkunx ta' kompetenza tat-tribunal adit*[2]*. Dan ghar-raguni illi l-kompetenza ratione materia hi ta' ordni pubbliku*[3] *u din allura lanqas tista' titwarrab bi ftehim bejn il-partijiet*[4].

9. B'hekk it-Tribunal huwa fid-dmir li *ex officio* jissolleva l-kwistjoni dwar il-kompetenza tieghu li jisma' u jiddetermina dan il-kaz, u ghalhekk ghandu jghaddi biex jaghti decizjoni fir-rigward.

**<u>X'inhi l-kompetenza ta' dan it-Tribunal?</u>**

---

[1] Ara artikolu 774 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

[2] **Emmanuele Vella v. Raffaela Barbara**, Appell Civili, 31 ta' Mejju 1957; **Patrick Grixti Soler v. Vincent Sultana**, Appell Civili, 27 ta' Marzu 1981).

[3] Vol. XXIX pII p468

[4] **Carmelo Degiorgio noe v. George Farrugia**, Appell Civili, 8 ta' Mejju 1981; **John Spiteri et v. Stephanie Spiteri pro et noe**, Appell Civili Nru. 23/99 deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera fit-12 ta' Dicembru 2001 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Ottubru 2003, **Sea Services Limited v. Paul Aquilina**, Citaz. Nru. 539/00 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Dicembru 2001 u **Joe Borg Olivier pro et noe v. Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Xoghol u Familja**, Rik. Nru. 79/11, sentenza parzjali moghtija mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fis-26 ta' Settembru 2011.

10. Nibdew billi naraw li **s-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 3 tal-Kapitolu 380** li jaqra hekk:

> "(2) Bla ħsara għas-subartikolu (5), it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux iżjed minn tliet elef u erba' mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (3,494.06):
>
> Iżda fil-kalkolu tas-somma msemmija f'dan is-subartikolu, ma jitqiesux id-drittijiet u l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-istess talba.

11. Imbaghad naraw li **s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 3 tal-Kapitolu 380** jipprovdi li:

> (3) (*a*) Jekk l-attur jitlob il-ħlas ta' diversi somom bħala li għandhom jingħataw lilu għall-istess raġuni, il-valur jiġi determinat mill-ammont totali tat-talbiet.
>
> (*b*) Jekk l-attur jitlob il-ħlas ta' diversi somom bħala li għandhom jingħataw lilu għal raġunijiet differenti, il-valur jiġi determinat mill-ogħla somma, irrispettivament mis-somom iżgħar.
>
> (*ċ*) Jekk it-talba tkun għal kapitali u mgħaxijiet, il-valur jiġi determinat mis-somom kapitali kollha flimkien li jkunu qed jiġu mitlubin, u t-Tribunal ikollu ġurisdizzjoni dwar dik it-talba minkejja li s-somom tal-kapital u tal-imgħaxijiet mitlubin ikunu flimkien iġibu iżjed minn tliet elef u erba' mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (3,494.06)."

12. Dan ifisser li **bla hsara ghal dak li jghid is-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 380**, dan it-Tribunal ghandu:

i. jisma' u jaqta' **<u>biss it-talbiet kollha ta' flus</u>** ta' ammont ta' **<u>mhux iżjed</u>** minn tliet elef u erba' mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (€3,494.06), b'dan illi fil-kalkolu tas-somma msemmija f'dan is-subartikolu, ma jitqiesux id-drittijiet u l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-istess talba.

13. Ghar-rigward tal-ammont ta' €3,494.06c imbaghad il-ligi tistipula fis-**sub-artikolu (3) tal-Artikolu 3 tal-Kap. 380** li:

i. Meta jintalab il-hlas ta' diversi somom bħala li għandhom jingħataw lir-rikorrenti **<u>għall-istess raġuni</u>**, allura l-valur jiġi determinat mill-ammont totali tat-talbiet.

ii. Meta jintalab il-ħlas ta' diversi somom bħala li għandhom jingħataw lir-rikorrenti **<u>għal raġunijiet differenti</u>**, allura l-valur jiġi determinat mill-ogħla somma, irrispettivament mis-somom iżgħar.

iii. Meta t-talba **<u>tkun għal kapitali u mgħaxijiet</u>**, il-valur jiġi determinat mis-somom kapitali kollha flimkien li jkunu qed jiġu mitlubin, u t-Tribunal ikollu ġurisdizzjoni dwar dik it-talba minkejja li s-somom tal-kapital u tal-imgħaxijiet mitlubin ikunu flimkien iġibu iżjed minn tliet elef u erba' mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (€3,494.06).

14. U **s-sub-artikolu (5) ta' l-artikolu 3 ta' l-imsemmi Kapitolu 380** jaqra hekk:

> "Kawzi li fihom jindahlu kwistjonijiet dwar proprjeta ta' beni immobbli, pizijiet jew jeddijiet ohra mghaqqdin ma' l-immobbli, ghad li t-talba ma tkunx tiskorri tliet elef u erba' mija u erbgha u disghin euro u sitt centezmi (€3,494.06), u kawzi ta' zgumbrament jew tkeccija minn beni immobbli ma jidhlux fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal".

15. Minn qari ta' dan is-sub-artikolu tal-ligi jirrizulta li t-Tribunal huwa pprojbit mil-Ligi mill-jiddeciedi:

i. Kawzi li fihom jindahlu kwistjonijiet dwar proprjeta ta' beni immobbli;

ii. Kawzi dwar pizijiet jew jeddijiet ohra mghaqqdin ma' l-immobbli,

u dan minkejja li t-talba ma tkunx tiskorri €3,494.06; u

iii. kawzi ta' zgumbrament jew tkeccija minn beni immobbli.

Hija l-fehma konsiderata ta' dan it-Tribunal, li jekk wiehed jaqra dan l-artikolu tal-ligi u jinterpretah fid-dawl ta' dak li inghad hawn fuq, jirrizulta li t-Tribunal ghandu kompetenza biex jiddeciedi dawk il-kawzi kollha li ma humiex specifikatament eskluzi mis-sub-artikolu (5) ta' l-artikolu 3 tal-Kapitolu 380, **jew minn xi ligi ohra ta' liema xorta hi**, u **basta** li dawn il-kawzi, jkunu jitrattaw dwar flus u l-ammont, salv dak li hawn fuq riportat, ma jkunx jeccedi t-€3,494.06c (sottolinejar u enfazi tat-Tribunal).

16. Imiss issa li naraw x'kien jghid l-**artikolu 33 ta' l-Att XXV tas-sena 2000** li waqqaf l-Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi, hekk kif kienet il-ligi fiz-zmien meta r-rikorrenti kien ghamel l-applikazzjoni tieghu ma l-Awtorita intimata. Dan l-artikolu tal-ligi kien jipprovdi li:

*"(1) Jista jsir appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rizorsi minn kull deċiżjoni ta' l-Awtorita skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u regolamenti maghmulin tahtu u kull persuna li thoss ruhha aggravata b'xi deċiżjoni bhal dik ghandu jkollha l-jedd li taghmel appell"*

17. Dan l-artikolu permezz ta' l-Att XII tas-sena 2007 gie enumerat mill-gdid bhala l-artikolu 34. B'dan l-Att is-sub-artikolu (4) ta' l-artikolu 33 (b'dan l-att XII/2007 l-artikolu 34) gie sostitwit b'dan li gej:

*"(4) Fid-determinazzjoni ta' appell il-Bord ta' l-Appelli ghandu jqis il-merti ta' l-appell, u jista ghal kollox jew f'parti, jikkonferma jew jannulla d-decizjoni appellata, fejn jaghti bil-miktub ir-ragunijiet ghad-decizjoni tieghu u ghandu jara li dik id-decizjoni tkun wahda pubblika u li din tigi kkomunikata lill-partijiet fl-appell*"

18. Imbaghad insibu **l-artikolu 34 originali ta' dan l-Att** li kien jaqra hekk:

*"(1) Il-Bord ikun kompetenti li jisma u jiddeciedi appell li jingieb quddiemu skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u regolamenti maghmulin tahtu; u bla hsara ghall-artikolu 36 ta' dan l-Att, id-decizjonijiet tal-Bord ghandhom ikunu finali u konkluzivi".*

19. Dan l-artikolu permezz ta' l-Att XII tas-sena 2007 gie enumerat mill-gdid bhala l-artikolu 35 u kull fejn hemm il-kelma "Bord" kellhom jidhlu l-kliem "Bord ta' l-Appelli".

20. Jirrizulta bic-car ghalhekk li minn ilmenti maghmula fil-konfront u decizjonijiet mehuda mill-Awtorita intimata l-individwu kellhu jipprocedi quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rizorsi. Jirrizulta ukoll li r-rikorrenti ma uzufruwixiex minn din il-procedura u minflok irrikorra ghal quddiem dan it-Tribunal. Kif diga inghad appelli maghmula minn decizjonijiet mehuda mill-imsemmija Awtorita kellhom jinstemghu mill-Bord ta' l-Appelli hekk kif kien jissejjah dak il-Bord fiz-zmien meta r-rikorrenti odjern kien ircieva d-decizjoni ta' rifjut mill-Awtorita intimata. Dak il-Bord ta' l-Appelli kellhu l-awtorita bil-ligi li sahansitra jannulla d-decizjoni appellata.

21. Dak li qieghed jitlob ir-rikorrenti f'dawn il-proceduri huwa sabiex dan it-Tribunal jikkundanna lill-Awtorita intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlett elef Euro (€3000) rappreżentanti *grant*, ossia hlas lura ta' somma mhallsa minnu fuq xiri ta' taghmir illi jippromwovu l-efficenzja tal-energija rinnovabbli, insegwitu ghall-applikazzjoni tieghu ai termini tal-Government Notice 81 tal-2009 u liema applikazzjoni ġiet debitament milqugha u aċċettata mill-Awtorita intimata. Pero mill-provi irriżulta li l-Awtorita intimata ghal darba darbtejn irrifjutat u ma aċċettatx l-applikazzjoni tar-rikorrenti u ghalhekk l-organu adit bil-Ligi sabiex jannulla tali deċiżjoni ta' rifjut ta' l-applikazzjoni tar-rikorrenti kien il-Bord ta' l-Appelli hekk kif kostitwit bil-Kapitolu 423 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux dan it-Tribunal. Tajjeb li jinghad li dan il-Bord ta' l-Appelli llum il-gurnata gie sostitwit bit-Tribunal ghar-Revizjoni Amministrattiva.

22. Illi ghalhekk, t-Tribunal ma jistax jaqbel mas-sottomissjonijiet maghmula mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li huwa ghandu l-kompetenza sabiex jiddeċiedi dan il-kaz. Ir-rikorrenti kellhu l-opportunita bil-ligi sabiex jikkontesta d-decizjoni ta' rifjut ta' l-Awtorita intimata quddiem il-Bord ta' l-Appelli u ghal raġunijiet li jaf huwa biss dan baqa ma ghamlux. Ma jistax issa jadixxi lil dan it-Tribunal sabiex jaghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas. Konsegwentement sejjer jilqa t-tieni eċċezzjoni ta' l-Awtorita intimata hekk kif kontenuta fir-risposta ulterjuri taghha datata 4 ta' Dicembru, 2012 u ser jiddikjara li huma ma huwiex kompetenti rationae materiae biex jiddeċiedi dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi din it-talba billi jiddikjara li huwa ma ghandux kompetenza sabiex jiehu konjizzjoni taghha u konsegwentement jiddikjara lilu nnifsu bhala mhux kompetenti *rationae materiae* u jillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez, in vista tal-fatt li din l-eccezzjoni ulterjuri mill-Awtorita intimata inghatat fi stadju tardiv ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------